MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Numru 911/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Trevor Sammut)**

**vs**

**CARMELO SAMMUT
GEORGE PORTELLI
MARTIN BONNICI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmelo Sammut ta’ 67 sena bin Nazju u Emanuela nne’ Vella imwieled B’Kara d.t.t. 6.12.1938 u li joqghod 51 Ghar il-Gobon, B’Kara.
Nru ta’ l-ID card 837538 M

George Portelli ta’ 44 sena bin Carmelo u Giorgia nee’ Farrugia imwieled nhar il-31.7.1962 u li joqghod ‘El Shaddai’ Triq il-Fenici, Mosta.
Nru ta’ l-ID card 493662 M

Martin Bonnici ta’ 53 sena bin Joseph Bonnici u Francis nee Cauchi Gera imwieled Sliema, d.t.t. 18.4.1953 u li joqghod 15, ‘Tsushima’ Triq San Gwann Bosco, Sliema.
Nru ta’ l-ID card 295953M gew akkuzati:

1. lil Carmelo Sammut u George Portelli wahedhom talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jassiguraw s-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu effetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji sabiex jigu evitati Danni fiziku korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol kif ukoll naqstu milli jiehdu l-mizuri kollha sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku u dan ai termini ta’ artikolu 6(1) u (2)(e) tal-Att dwar l-Awtorita’ ghas-Sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol (Att XXVII ta l-2000 Kap 424.

2. kif ukoll lil Carmelo Sammut u George Portelli wahedhom talli fl-istess zminijiet, matul il-gurnata, lok u cirkostanzi naqsu li jharsu r-regolamenti dwar il-krejnijiet u makni ohra li jtellghu l-oggetti u jaraw li kull makkinarju, kemm jekk fiss jew jiccaqlaq inkluz apparat ghall-ankrar jew biex izomm oggett sod ta’ kull makna li ttellgha l-oggetti li jkunu ta’ ghamla tajba, materjal solidu, b’sahtu bizzejjed u hieles minn xi difett privattiv, u li jinzamm sew, kif ukoll li kull bicca minn dan il-makkinarju jigi ezaminat minn persuna kompetenti mill-inqas darba erbatax-il xahar u li jinzamm registru fejn jitnizzel fih il-partikularijiet stipulati ta’ kull ezami, liema rapport jew certifikat jintbaghat lid-Direttur u dan ai termini ta’ l-artikli 16(1) a, b, c, d, e, f, u 17 1, 2, 3, 4, 5 u 6 ta’ A.L. 52/86

3. lil Carmelo Sammut u George Portelli wahedhom talli bhala diretturi tall-kumpanija G.M.F. Precast Ltd li hija sitwata fin-Naxxar, nhar is-6 ta’ Dicembru, 2004 matul il-gurnata, u fix-xhur ta’ qabel naqsu mid-dmir taghhom ta’ min ihaddem u ta’ kull persuna li tahdem ghar-rasha, li

jaghmel jew jizgura li issir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikoli ghas-sahha u sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' AL 36/2003.

4. lil Carmelo Sammut u George Portelli wahedhom talli kisru ordni moghtija minn ufficjal ta' l-Awtorita tas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol, liema ordni nghatat verbalment nhar is-6 ta' Dicembru, 2004 hekk kif kommunikata bil-miktub nhar is-7 ta' Dicembru, 2004 u dan ai termini ta' l-artikolu 17 ta' l-Att XXVII tas-sena 2000.

5. Fil-waqt li lil Martin Bonnici wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala mpjegat, naqas milli jiehu hsieb b'mod regonevoli s-sahha u n-nuqqas ta' perikolu tieghu nnifsu u ta' persuni ohra li setghu jintlaqtu b'dak li jaghmel, jew naqas li jaghmel u dan ai termini ta' l-artikolu 50(1) a, ta' l-A.L. 52/86.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok TS7 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati Carmelo Sammut u George Portelli fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi migjuba kontra taghhom u li l-imputat Martin Bonnici fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Carmelo Sammut u George Portelli regghu wiegbu li

huma hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi migjuba kontra taghhom u l-imputat Martin Bonnici rega' wiegeb li hu hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Carmelo Sammut u George Portelli l-artikoli 6(1) u (2)(e) u 17 tal-Kap. 424 u r-Regolament 16(1) (a), (b), (c), (d), (e) u (f) u 17(1), (2), (3), (4) (5) u (6) tal-A. L. 52/86 u r-Regolament 10(1) tal-A. L. 36/2003.

Rat fil-konfront tal-imputat Martin Bonnici ir-Regolament 50(1)(a) tal-A. L. 52/86.

Issib lill-imputati Carmelo Sammut u George Portelli, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija u l-fedina penali tal-imsemmija imputati tikkundanna lill-imsemmija imputati Carmelo Sammut u George Portelli ghall-piena komplessiva ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5000) multa kull wiehed. Issib lill-imputat Martin Bonnici, fuq ammissjoni, hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija tikkundanna lill-imputat Martin Bonnici ghall-piena ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) multa.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati Carmelo Sammut, George Portelli u Martin Bonnici ihallsu minnufih bejniethom f'partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u seba' u tletin Liri Maltin u erba' u sebghin centezmi (Lm537.74c) rappresentanti l-ispejjez

inkorsi rigward l-inkarigu tal-esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------